



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Marzu 2009 (16.03)
(OR. en)**

7503/09

**SOC 187
ECOFIN 192
FSTR 37
EDUC 51
SAN 51**

NOTA

minn: Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

lil: Kunsill Ewropew

Nru dok. preċ.: 6495/09 SOC 112 ECOFIN 125 FSTR 25 EDUC 29 SAN 27

Nru prop. Cion: 6475/09 SOC 107 ECOFIN 120 FSTR 23 EDUC 26 SAN 25 -
COM(2009) 58 finali

Suġġett: Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2009

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tar-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, kif adottat mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2009, li għandu jintbagħat lill-Kunsill Ewropew bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu tad-19-20 ta' Marzu 2009.

Għandu jiġi nnotat li dan ir-rapport għandu jinqara flimkien mal-profilu tal-pajjiżi kif imniżżlin fl-Addendum 1.

RAPPORT KONĠUNT DWAR IL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-INKLUŻJONI SOĊJALI 2009

MESSAĠĠI PRINĊIPALI mir-Rapporti Strateġiċi Nazzjonali (RSN) tal-Istati Membri li jiddeskrivu l-istrateġiji biex jippromwovu l-għanijiet soċjali komuni tal-UE:

- L-UE tista' tibni fuq il-valuri ta' solidarjetà li huma l-bażi tal-politika soċjali u fuq il-progress fir-riformi strutturali biex tnaqqas l-impatt tal-kriżi ekonomika u tgħin ir-rilanċ. It-tishiġ ulterjuri tal-interazzjoni reċiproka pożittiva mal-azzjoni għat-**tkabbir** u l-impjiegi huwa vitali, l-aktar billi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jitħallew ikollhom ir-rwol kollu tagħhom ta' stabilizzaturi awtomatiċi. Sabiex ikun indirizzat l-impatt negattiv fuq l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali, hemm bżonn li riformi fil-perijodu fit-tul ikunu sostnuti u bbilanċjati minn miżuri fil-perijodu qasir intiżi biex jimpedixxu t-telf ta' impjiegi u jsostnu d-dħul tal-familji. Ir-riformi strutturali riċenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali taw ir-riżultati, wasslu biex aktar nies jġu impjegati, saħħew l-inċentivi għax-xogħol u r-reżistenza tas-swieq tax-xogħol, tawlu l-**ħajja tax-xogħol** u tejbu t-**tkabbir ekonomiku**. Huwa meħtieġ rispons ikkoordinat u qawwi mill-UE waqt li indikazzjonijiet importanti huma pprovduti fil-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku.
- Il-Fond Soċjali Ewropew għandu jintuża bil-potenzjal kollu tiegħu b'mod flessibbli u f'ħinu sabiex itaffi l-impatti soċjali tal-kriżi, billi jappoġġa d-dħul mill-ġdid u mgħaġġel ta' persuni qegħda fis-suq tax-xogħol u jiffoka fuq dawk l-aktar vulnerabbli. L-implimentazzjoni ssimplifikata tal-Fondi Strutturali u t-titjib tal-koordinazzjoni mal-politiki soċjali ser ikunu ta' għajjnuna. Il-Kummissjoni ser toħroġ bulettin regolari biex timmonitorja t-tendenzi soċjali. Ir-rapporti mill-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-esperjenzi dwar il-linji ta' politika fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
- Hemm bżonn li jkunu implimentati strateġiji ta' Inklużjoni Attiva Komprensiva li jgħaqqdu u jibbilanċjaw miżuri immirati lejn swieq tax-xogħol inklussivi, aċċess għal servizzi ta' kwalità u dħul minimu adegwat. Hemm bżonn tishiġ tal-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw strateġiji komprensivi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal, inkluż indurkar tat-tfal li jkun ta' kwalità u aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq. Xogħol sostnut huwa meħtieġ biex tkun ittrattata il-problema ta' dawk bla saqaf fuq rashom bħala forma serja ħafna ta' esklużjoni, biex ikunu indirizzati l-iżvantaġġi multipli li n-nies Roma qed jaffaċċjaw u l-vulnerabbiltà tagħhom għall-esklużjoni soċjali u biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali tal-migranti. Hemm bżonn ta' **viġilanza minħabba** li jistgħu jfeġġu gruppi ġodda ta' riskju, pereżempju ħaddiema żagħżagħ u dawk ġodda fis-suq tax-xogħol, kif ukoll riskji ġodda.

- L-adeqwatezza u s-sostenibbiltà fil-perijodu fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni jiddependu fuq l-isforzi kontinwi biex tintlaħaq il-mira ta' Lisbona ta' rata ta' impjiegi ta' 50 % tal-ħaddiema akbar fl-età minkejja ż-żmien ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Huwa importanti li tkun żgurata kopertura sħiħa u li tkun immonitorjata l-adeqwatezza tal-pensjoni b'mod speċjali għan-nisa u dawk bi dħul baxx. L-istrateġiji orjentati għal perijodu fit-tul u l-qafas regolatorju llimitaw l-impatt tal-kriżi fuq id-dħul mill-pensjoni privata għal ħafna minn dawk li qed jirtiraw bħalissa, iżda xi wħud jistgħu jaffaċċjaw riżultati li huma anqas mill-aspettattivi tagħhom. It-tfassil tal-iskemi ffinanzjati ser ikollu bżonn ikun rivedut sabiex titjeb l-abbiltà tagħhom li jaffrontaw ir-riskji fil-fażijiet tal-investment u l-ħlas u sabiex titjeb il-kopertura biex ikunu jistgħu jutilizzaw saħħithom waqt li jaffrontaw il-fatt li jkunu qed jikbru fl-età.
- L-Istati Membri jfittxu li jtejbu l-valur tal-flus fil-kura tas-saħħa u jnaqqsu l-inugwaljanzi permezz ta' attenzjoni akbar għall-kura primarja, l-prevenzjoni, l-promozzjoni tas-saħħa, l-koordinament aħjar u l-użu aktar razzjonali tar-riżorsi. Dawn l-istrateġiji jeħtieġ li jkunu segwiti b'aktar ħeġġa, b'mod partikolari fejn is-sistemi tas-saħħa qed jaffaċċjaw nuqqas ta' riżorsi. Dan jimplika wkoll l-indirizz ta' problemi ta' nuqqas ta' persunal fis-settur tas-saħħa permezz ta' miżuri biex ikunu impjegati, imħarrġa, miżmuma u żviluppanti professjonisti fil-livelli kollha tas-settur tas-saħħa.
- L-Istati Membri qeġħdin ukoll jistinkaw biex ikunu stabbiliti u msaħħa s-sistemi għal ħarsien ta' kwalità fil-perijodu fit-tul, biex tinħoloq bażi finanzjarja soda, u biex jitjeb il-koordinament tal-kura u jkunu żgurati riżorsi umani suffiċjenti kif ukoll appoġġ għal ħaddiema informali fil-kura tas-saħħa.
- Iċ-Ċiklu tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali (MMK) attwali jwassal sal-2010, is-sena fil-mira tal-Istrateġija ta' Lisbona. Se jkun hemm bżonn ta' impenj qawwi biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali u s-Sena Ewropea 2010 ddedikata għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ser tikkonferma dan. Filwaqt li d-deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' miri nazzjonali kwantifikati u d-definizzjoni tagħhom ser tibqa' responsabbiltà ċentrali tal-Istati Membri, ir-rwol pożittiv tal-MMK Soċjali jista' jkun imsaħħaħ aktar permezz tat-twaqqif ta' miri nazzjonali bbażati fuq l-evidenza. Hemm bżonn ta' aktar attenzjoni għall-kwalità u l-kontinwità tal-involvement tal-partijiet interessati u tal-armonizzazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fost oħrajn permezz tal-evalwazzjoni tal-impatti soċjali bħala parti vitali minn stimi tal-impatt integrati.

1. INTRODUZZJONI

Bejn l-2001 u l-2007 il-medja tat-tkabbir ekonomiku fl-UE-27 kienet ta' 2,1 % fis-sena. Ir-rata tal-impjiegi fl-2007 kienet telgħet għal 65,4 % l-aktar bis-saħħa ta' aktar impjiegi għan-nisa u ħaddiema akbar fl-età. Impjiegi ġodda għenu biex jitnaqqas il-proporzjon ta' familji bla dħul minn 10,2 % fl-2005 għal 9,3 % fl-2007, iżda dan kien biss ta' benefiċċju marġinali għall-familji bla dħul u bit-tfal. L-aħħar data turi li 16 % tal-Ewropej għadhom qed jgħixu fir-riskju ta' faqar. Filwaqt li ma hemm l-ebda salvagwardja aħjar minn impjieg ta' kwalità kontra l-faqar, ir-rata ta' faqar ta' 8 % fost dawk li jaħdmu turi li mhux l-impjiegi kollha jipprovdu din l-assigurazzjoni. Fl-istess ħin, id-data turi li f'diversi Stati Membri tkabbir għoli tejjeb il-livell ta' għixien assolut tal-fqar filwaqt li s-sitwazzjoni relattiva tagħhom tjiebet jew baqgħat l-istess.

Il-bixra ekonomika nbidlet b'mod fundamentali. Filwaqt li s-suq tax-xogħol wera reżistenza f'ħafna mill-Istati Membri, il-qgħad kiber b'mod sostanzjali f'xi Stati, u l-previżjonijiet jindikaw aktar telf ta' impjiegi fil-futur.

F'dan l-isfond il-kontribut tal-politika soċjali hija kruċjali. Politiki soċjali adatti mhux biss itaffu l-impatt soċjali negattiv fuq dawk l-aktar vulnerabbli iżda wkoll inaqqsu l-impatt tal-kriżi fuq l-ekonomika globalment. Il-protezzjoni soċjali hija element prinċipali li tipprovdi stabbiltà ċiklika u awtomatika fl-infiq pubbliku. Sistemi li jiffunzjonaw tajjeb fil-qafas ta' riformi kontinwi li jsostnu l-istabbiltà jistgħu jgħinu biex id-domanda totali tkun stabilizzata, jirfdu l-fiduċja tal-konsumatur u jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi.

Il-vittmi l-aktar milquta ħażin fil-kriżi ser ikunu dawk il-familji fejn il-persuna li taqla' l-għixien hija żvantaġġata fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Għaldaqstant hemm bżonn ta' qafas għall-protezzjoni soċjali li ma jħalli lil ħadd barra u li huwa effettiv biżżejjed biex jerġa' jdaħħal lil dawk l-aktar milquta ħażin f'parteċipazzjoni soċjali attiva u fis-suq tax-xogħol.

Miżuri adatti ta' **flessigurtà** ser jużaw il-politiki tas-suq tax-xogħol biex jgħinu dawn it-tranżizzjonijiet, jevitaw li persuni jkun qegħda fil-perijodu fit-tul, jirreżistu l-użu tal-irtirar kmieni mix-xogħol biex tkun regolata l-provvista tax-xogħol, itejbu l-ħiliet u jassiguraw perijodi ta' transizzjoni. Miżuri komprensivi ta' **inklużjoni attiva** huma meħtieġa biex tkun indirizzata s-sitwazzjoni ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol.

Dan jimplika wkoll l-aġġustament tal-benefiċċji, meta jkun hemm bżonn, biex ikun **salvagwardjat l-appoġġ adatt għal dawk li jirċevuhom**. L-Istati Membri diġà qed jaħdmu biex iżommu l-poter tal-akkwist tal-benefiċċji minimi u l-pensjonijiet baġiċi. In-natura kiefra tar-riċessjoni tirrikjedi l-ħtieġa għal **monitoraġġ aktar mil-qrib tal-impatti soċjali**.

Il-biċċa l-kbira tad-dħul mill-pensjoni tal-persuni li jirtiraw illum ġejja minn pensjoni tal-istat iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet attwali. Id-dħul minn pensjonijiet iffinanzjati b'mod privat huwa sostanzjali fi ftit pajjiżi. Billi l-fondi tal-pensjoni jinvestu parti mit-tfaddil li jkollhom f'ishma, huma ġew affettwati mit-tnaqqis drastiku fis-swieq finanzjarji. L-istrateġiji għal perijodi fit-tul, il-qafas regolatorju u l-azzjoni mill-awtoritajiet illimataw l-impatt għal ħafna minn dawk li qed jirtiraw bħalissa. It-tfassil ta' skemi, madankollu, ser ikollu jkun rivedut biex tkun żgurata l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-iskemi ffinanzjati fil-futur.

Is-servizzi tal-kura tas-saħħa u ta' prevenzjoni effettivi huma ta' importanza partikolari meta l-ekonomija u d-dħul jonqos u l-qgħad jiżdied, iżda hemm riskju sinifikanti li l-investment fis-saħħa u fil-kura fil-perijodu fit-tul ser ibati. Id-differiment tal-pjanijiet għall-immoderizzar u l-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa lokali u tal-infrastruttura tas-saħħa fil-perijodu fit-tul jistgħu jseħħu. Dewmien bħal dan ikun ma jgħinx l-aktar f'dawk il-pajjiżi li għandhom setturi tas-saħħa li diġà jbatu minn nuqqas ta' riżorsi u li mhumiex mifruxa b'mod uniformi mat-territorju nazzjonali.

Diversi Stati Membri stinkaw biex il-preparazzjoni tal-istrateġiji mġedda jkun eżerċizzju parteċipattiv li jinvolvi l-partijiet interessati, u sa ċertu punt, iċ-ċittadini b'mod ġenerali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali qed ikunu involuti dejjem aktar iżda hemm bżonn li dan l-involviment jiżdied aktar minn hekk. Il-kunsiderazzjonijiet ta' sess jidhru aktar milli kienu jagħmlu fl-imġoddi iżda dawn jistgħu jkunu armonizzati b'mod aktar konsistenti. Hemm xi eżempji ta' Prattika tajba fl-attivitajiet ta' konsultazzjoni, pereżempju sforzi biex ikun żgurat dialogu interattiv f'żewġ direzzjonijiet u jipprovdu feedback dwar ir-riżultati. Xi pajjiżi qed jimpjenjaw ruħhom b'mod ġenerali biex iżommu l-involviment tal-partijiet interessati fl-istadji kollha tal-politika u matul iċ-ċiklu ta' rappurtar. Il-korpi li qed jipparteċipaw, li huma stabbiliti fuq diversi livelli, jistgħu jgħinu fil-monitoraġġ tar-riformi soċjali strutturali u b'hekk jipromwovu opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fil-kriżi preżenti. Il-prijoritajiet ta' politika kulma jmur qegħdin ikunu dejjem iżjed mirfuda minn miri kwantitattivi. Meta bbażati fuq analiżi soda, appoġġjati minn riżorsi adegwati u minn impenn politiku ċar, dan jista' jsaħħaħ it-tweqqif f'setturi speċifiċi tal-politika.

2. IL-ĠLIEDA KONTRA L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI

It-tfal jaffaċċjaw riskju akbar ta' faqar mill-popolazzjoni b'mod ġenerali, liema riskju huwa ta' 19% fl-UE-27. Is-sitwazzjoni ma marritx għall-aħjar mis-sena 2000 'l hawn. Il-MMK tal-2007 li ffoka fuq il-**faqar tat-tfal** għin biex ikun hemm fehim komuni akbar tal-fatturi determinanti tal-faqar tat-tfal f'kull pajjiż. Dan ikkjarifika l-bżonn għal strateġiji komprensivi li jinkludu appoġġ għad-dħul imfassla b'mod tajjeb u adegwat, opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità għall-ġenituri u l-provvista tas-servizzi neċessarji.

Ħafna mill-Istati Membri li għamlu prijorità minn din il-kwistjoni fl-2006 bħala risposta għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew għal azzjoni deċiżiva, issa qed jipplanaw biex isaħħu l-istrateġiji tagħhom u jsegwu approċċ mifruq fuq aktar dimensjonijiet u integrat. Ħafna poġġew il-faqar tat-tfal fiċ-ċentru ta' setturi bħad-dħul u l-paga minima, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-familja u servizzi li jikkunsidraw il-familja. Hemm bżonn ta' sforzi sostnuti, l-aktar biex tkun żgurata kura tat-tfal aċċessibbli u bi prezz adegwat. Skont il-bażi mtejba ta' evidenza, 22 Stat Membru stabbilew miri dwar il-faqar tat-tfal, 16 minnhom permezz tal-indikaturi miftiehma fuq il-livell tal-UE. Xi ftit minnhom waqqfu ukoll miri intermedji għall-isfidi speċifiċi tagħhom (il-familji bla xogħol, il-familji l-aktar fil-bżonn, l-intensità tal-faqar, il-kura tat-tfal).

Il-popolazzjoni Roma qed taffaċċja diversi żvantaġġi u tiffurma parti minn dawk l-aktar esklużi fis-soċjetajiet Ewropej. Fir-rapporti l-ġodda, Stati Membri b'minorità Roma mdaqqsu żiedu l-kopertura tagħhom ta' din il-kwistjoni u, b'mod ġenerali, hemm għarfien aħjar tal-isfidi li dan iġib miegħu. L-azzjoni meħuda jew mħabbra tiffoka l-aktar fuq l-amalgamazzjoni, l-aċċess għall-impjiegi, miżuri li jindirizzaw l-iżvantaġġi tal-edukazzjoni u aċċess aħjar għas-servizzi bażiċi bħall-abitazzjoni u l-kura tas-saħħa. Madankollu, f'ħafna pajjiżi għad hemm bżonn ta' qafas ta' politika komprensiv, anke minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' dejta u bażi ta' għarfien mhux adegwata.

Ir-RSN jikonfermaw il-prijorità mogħtija lill-**inklużjoni tal-emigranti** fl-2006. Permezz ta' approċċ dejjem aktar olistiku, l-Istati Membri qed jiffukaw aktar fuq l-involvilment fil-proċess kemm tal-emigranti kif ukoll tas-soċjetà li tospitahom, u ħafna qed jippruvaw joħolqu sinerġiji bejn il-politika ta' inklużjoni u miżuri anti-diskriminatorji.

L-inklużjoni ta' **persuni b'diżabbiltà** tibqa' tiġi indirizzata, iżda l-inklużjoni armonizzata tal-persuni b'diżabbiltà tibqa' limitata. L-attivazzjoni tal-impjiegi, l-eliminazzjoni ta' kull xkiel għall-edukazzjoni u t-tagħlim matul il-ħajja, u kundizzjonalità aktar stretta ġeneralment jiddominaw aktar milli jeliminaw l-ostakoli strutturali għal parteċipazzjoni sħiħa.

Bħal fir-RSN tal-2006, ħafna Stati Membri għandhom **l-inklużjoni attiva** fil-prijoritajiet tagħhom. Madankollu, is-swieq tax-xogħol inklussivi, l-aċċess għal servizzi ta' kwalità u d-dħul adegwat huma ttrattati b'mod separat f'ħafna każijiet, filwaqt li ħafna mill-persuni b'diżabbiltà jsofru minn diversi żvantaġġi u r-risposti integrati huma essenzjali. Diversi pajjiżi ħadu miżuri biex jiżguraw li s-saħħa tax-xiri ta' dawk li jaqilgħu l-anqas tkun sostnuta. It-tfassil ta' integrazzjoni aħjar bejn il-benefiċċji barra mix-xogħol u l-appoġġ fuq ix-xogħol jibqa' essenzjali sabiex l-inċentivi xierqa jkunu maħluqa, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat appoġġ għal dħul adegwat u jkun hemm prevenzjoni tal-faqar fuq ix-xogħol. Hemm bżonn ta' servizzi soċjali u servizzi tal-impjiegi koordinati biex l-ostakoli jkunu affaċċjati bis-sħiħ, u biex ikun hemm parteċipazzjoni fit-tul fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Għalhekk, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-titjib tal-interazzjoni bejn it-tliet strati u għandu jkun hemm assigurazzjoni li jingħata kas ta' kull waħda kif xieraq.

L-aħjar protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa impjieg ta' kwalità għal dawk li jistgħu jaħdmu. Għal dawk li x-xogħol mhuwiex għażla reali, irid ikun żgurat appoġġ għad-dħul u parteċipazzjoni soċjali adegwata. Miżuri rilevanti b'mod partikolari meħuda minn diversi Stati Membri jinkludu miżuri li jappoġġjaw iż-żamma tal-impjiegi jew l-integrazzjoni rapida mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, u l-promozzjoni tal-adattabbiltà, permezz ta' opportunitajiet għall-akkwist jew l-iżvilupp tal-ħiliet u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni personalizzati li jwittu triqat lejn is-suq tax-xogħol. Hemm bżonn tingħata attenzjoni għall-appoġġ tal-opportunitajiet ta' xogħol għal dawk l-aktar vulnerabbli, inkluż fl-ekonomija soċjali. Ħafna RSN jirriflettu l-importanza tal-aċċess għal servizzi ta' kwalità fil-ġlieda kontra limitazzjonijiet soċjali li huma ta' xkiel għall-inklużjoni soċjali tal-persuni.

In-nuqqas ta' abitazzjoni hija waħda mill-aktar forom gravi ta' esklużjoni u l-isforzi avvanzati f'xi Stati Membri għandhom ikun estenzi biex jinkludu provvista akbar ta' **abitazzjonijiet** bi prezz xieraq. L-istrategġi komprehensivi u multi-dimensjonali għandhom l-għan li jindirizzaw il-manifestazzjonijiet differenti tal-problema ta' nuqqas ta' abitazzjoni b'mod speċifiku, filwaqt li approċċ ieħor jiffoka fuq miżuri integrati f'qafas usa' tal-politika, pereżempju dwar abitazzjonijiet, impjegi u saħħa. L-appoġġ għall-abitazzjoni li jinkludi l-għan ta' għixien indipendenti flimkien ma' appoġġ soċjali personalizzat qed jirċievi ħafna attenzjoni. Diversi pajjiżi waqqfu miri li jnaqqsu l-problemi ta' nuqqas ta' abitazzjoni u jsaħħu l-istrutturi ta' appoġġ. In-nuqqas ta' dejta affidabbli għadha ta' xkiel għad-definizzjoni u l-monitoraġġ ta' politika effettiva. Il-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja hija kruċjali għall-prevenzjoni ta' nuqqas ta' abitazzjoni, b'mod partikolari fiċ-ċirkostanzi kurrenti; irid ikun żgurat appoġġ adegwat u pariri għall-persuni li jaffaċċjaw żgumbrament jew pussess mill-ġdid.

L-inugwaljanzi fis-sistemi tas-saħħa bejn id-diversi gruppi soċjo-ekonomiċi jipersistu u l-Istati Membri għandhom it-tendenza jikkumplementaw l-approċċ tagħhom b'miżuri li għandhom il-mira li jgħinu lil dawk l-aktar vulnerabbli. Diversi RSN jippreżentaw politika multi-settorali, li tinkludi kemm il-prevenzjoni u l-promozzjon tas-saħħa u l-mobilità ta' firxa wiesja ta' servizzi inkluż fis-setturi tal-edukazzjoni, tal-abitazzjonijiet u tal-impjegi. L-orjentazzjonijiet prinċipali tal-politika huma: it-titjib tal-kura primarja u dik preventiva, it-tneħħija tax-xkiel għall-aċċess u l-indirizz tas-sitwazzjoni f'żoni deprivati.

Diversi RSN jenfasizzaw l-importanza tal-**edukazzjoni**, iżda ftit biss jintegrawha fi strategġija komprehensiva fuq medda twila ta' żmien għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-esklużjoni soċjali. L-edukazzjoni ta' qabel il-primarja hija kkunsidrata fundamentali kemm bħala element prinċipali fil-livellar tal-iżvantaġġ soċjo-ekonomiku, u kemm bħala mezz ta' ffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol/ħajja tal-familja. L-isforzi jiffukaw u jippruvaw jiżguraw ukoll standards għolja fl-iskejjel kollha, jikkumbattu t-tluq mill-iskola minn kmieni, itejbu l-aċċess għall-edukazzjoni għal gruppi speċifiċi u jintroduċu miżuri biex jivvalidaw taġlim minn qabel.

L-indirizzar tal-**esklużjoni finanzjarja** huwa vitali f'kull strategġija kontra l-faqar; il-kriżi taġti lil din il-kwistjoni aktar importanza. Xi Stati Membri jirrapportaw politika komprehensiva, filwaqt li Stat minnhom qed jiġġieled id-dejn eċċessiv bħala prijorità. L-aktar ikkwotati huma l-pariri dwar id-dejn, li xi drabi huma mmirati għal gruppi jew jiffokaw dwar l-identifikazzjoni minn kmieni. F'xi pajjiżi huwa pprovdut mikro-kreditu lil xi nies li ma jistgħux jaċċessaw is-suq tal-kreditu prinċipali. L-inklużjoni finanzjarja hija kundizzjoni neċessarja għall-aċċess sostenibbli għas-suq tal-proprjetà.

3. PENSJONIJIET XIERQA U SOSTENIBBLI

Matul l-aħħar 10 snin l-Istati Membri għamlu riforma tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom biex jipprovdu pensjonijiet aktar adegwati u sostenibbli. Fir-RSN tal-2008, il-pajjiżi jirrapurtaw progress inkriminali fil-provvista ta' pensjonijiet adegwati mingħajr ma jpoġġu fil-periklu s-sostenibbiltà finanzjarja u l-inċentivi tax-xogħol. Il-perspettiva ekonomika l-għdida se żżid l-isfida tal-ibbilanċjar neċessarju.

Bħala risposta għal dewmien dejjem akbar tar-riformi strutturali tas-sistemi tal-pensjoni dawn jimmiraw li jkabbru r-rata tal-impjegi ta' ħaddiema akbar fl-età u jnaqqsu l-proporzjon ta' dipendenza fuq l-ekonomija, biex ma jpoġġux is-sostenibbiltà finanzjarja tal-finanzi pubbliċi fil-periklu. Dan irriżulta l-aktar fi tnaqqis tal-ammonti tal-pensjoni u f'regoli li jippermettu lill-ħaddiema jikkompensaw għal dan billi jtawwlu l-ħajja tax-xogħol tagħhom. Iż-żamma tal-bilanċ bejn il-ħajja ta' kontribut u s-snin bil-pensjoni se jiddependi fuq numru akbar ta' persuni jaħdmu għal aktar snin. Dan se jinkludi t-tnaqqis tal-età minima, l-evitar ta' waqfien mix-xogħol twil fuq bażi ta' waqfa mill-karriera u żieda fl-età effettiva tal-ħruġ mix-xogħol. Fl-istess ħin qed tingħata aktar attenzjoni biex ikun żgurat li l-perjodi kollha ta' xogħol ikunu koperti.

Ir-rata ta' impjegi ta' ħaddiema akbar fl-età kibret matul l-aħħar 10 snin, u l-11-il pajjiż issa laħqu l-mira ta' Liżbona ta' impjegi għal 50 % tal-ħaddiema akbar fl-età sal-2010. Minħabba ż-żieda fl-għixien medju, rati akbar ta' impjegi se jkunu neċessarji fil-medda medja ta' żmien. L-età normali tax-xogħol trid tiżdied u rapporti juru li l-Istati Membri qed jibdeu **iżidu l-età tal-pensjoni** fl-iskemi tal-istat. **Il-faċilitajiet għall-ħruġ kmieni** mix-xogħol qed jitwaqqfu u l-inċentivi għal-irtirar kmieni jitneħħew. Dawn huma sinjali importanti għal minn iħaddem u għall-impjegati biex itejbu l-prattiċi tagħhom tal-amministrazzjoni tal-età u jipposponu l-irtirar. Il-kriżi ekonomika kurrenti se tittestja l-longjetività ta' dawn il-kisbiet. Għandhom isiru aktar sforzi biex ikun sostnut ix-xogħol tal-ħaddiema akbar fl-età, inkluż permezz tal-użu sħiħ tal-politika tas-suq tax-xogħol. Se jkun kruċjali li wieħed jevita li l-età effettiva tal-irtirar tibda taqa' għaliex faċilitajiet għall-ħruġ kmieni mix-xogħol qed jintużaw biex tkun affaċċjata ż-żieda fil-qgħad.

Il-bixra ekonomika kurrenti tisħaq il-bżonn li jkun żgurat li l-ħaddiema affettwati minn perjodi ta' qgħad ikunu koperti kif xieraq minn sistemi ta' pensjoni. Fis-sistemi riformati **l-waqfien mill-karriera jista' jnaqqas l-adegwatezza b'mod sinifikanti** u l-monitoraġġ tar-riżultati tal-pensjoni huwa importanti għal dawk li għandhom diffikultà biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet il-ġodda ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari dawk bi dħul baxx u dawk b'karrieri mkissra, li fosthom in-nisa huma fil-maġġoranza.

Ix-xogħol tal-MMK fl-2008 ikkonċentra fuq il-provvista tal-pensjoni privata. Numru ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jiżguraw pensjonijiet iffinanzjati, li jieħdu ħsieb koperturi u kontribuzzjonijiet, il-livelli tal-miżati, l-iżvilupp ta' qafas regulatorju għall-annwalitajiet (riskju marbut mat-tul ta' żmien) u l-investimenti (riskju finanzjarju). Fl-iskemi volontarji hemm biżżejjed evidenza ta' xaqliba soċjo-ekonomika qawwija fil-livelli ta' kopertura u kontribuzzjonijiet. Jekk l-iskemi privati huma sors essenzjali għad-dħul futur tal-irtirar allura l-livelli ta' kopertura u ta' kontribuzzjoni għandhom ikunu mwaqqfa skont dan.

Il-forom kurrenti tal-**fażi tal-pagamenti** tal-iskemi ffinanzjati tista' ma tagħtix biżżejjed protezzjoni kontra r-riskji marbuta maż-żmien, il-volatilità u l-inflazzjoni. L-annwalitajiet huma l-aktar mezz sikur biex ikun provdut dħul waqt l-irtirar. It-tibdil fl-istruttura tal-investimenti meta persuna tkun qed toqrob lejn l-età tal-irtirar (stil tal-ħajja) jista' jipprovdi ċertu ammont ta' protezzjoni kontra l-volatilità tal-valur kapitali. It-tħaddim tajjeb tal-korpi li jipprovdu superviżjoni u l-oqfsa effettivi ta' regolamentazzjoni finanzjarja huma essenzjali. Il-bidla għal pensjonijiet b'diversi sorsi li jinvolvu deċizzjonijiet kumplessi tirrikjedi li l-membri tal-iskema jkollhom aċċess għal informazzjoni mhux preġudikata u għal xi informazzjoni finanzjarja.

L-Istati Membri qed ibiddlu d-dispożizzjonijiet tagħhom dwar id-dħul minimu għal persuni akbar fl-età biex jiżdiedu l-benefiċċji u jkun hemm aċċess aħjar. Billi l-benefiċċji għandhom tendenza ma jirriflettux iż-żieda fil-prezzijiet, b'mod simili d-dħul relattiv probabbli waqa' lura fis-snin riċenti ta' tkabbir. Madankollu, l-erożjoni relattiva hija iżgħar b'mod sostanzjali milli wieħed jistenna. Ħafna Stati Membri żiedu l-pensjoni minima u d-dispożizzjonijiet minimi.

L-Istati Membri jużaw il-miri nazzjonali li ġejjin fis-settur tal-pensjonijiet: ir-rata tal-impjiegi ta' ħaddiema akbar fl-età (anke aktar lil hinn mill-għan tal-UE), l-età effettiva tal-irtirar, ir-rata ta' kontribuzzjoni, ir-rati ta' tibdil teoretika, u r-rata ta' faqar għal persuni akbar fl-età. Dan jissuġġerixxi li l-immodernizzar tal-pensjonijiet qed isegwi l-istrategġiji fuq medda twila ta' żmien skont l-għanijiet miftiehma.

4. IL-KURA TAS-SAĦĦA U L-KURA FIT-TUL

Kważi r-rapporti kollha tal-2008-2010 jibnu fuq il-pjanijiet nazzjonali tas-saħħa tal-2006. L-Istati Membri jargumentaw li politika essenzjali li tikkontribwixxi għal saħħa tajba u ħajja tax-xogħol itwal tinkludi politika effettiva tas-saħħa fuq ix-xogħol, il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, il-kura kurattiva u r-rijabilitazzjoni. Barra minn dan, hemm bżonn ta' koerenza akbar bejn il-politika ekonomika, tal-edukazzjoni, tal-impjiegi, tal-ambjent u dik soċjali.

L-inugwaljanzi dwar l-istat tas-saħħa u l-aspettattivi ta' għajxien bejn gruppi differenti soċjo-ekonomiċi u reġjuni differenti jipersistu. L-evidenza turi korrelazzjoni ċara bejn saħħa ħażina u l-faqar, il-qgħad u l-edukazzjoni baxxa. Ħafna RSN jirrikonoxxu b'mod espliċitu li l-inugwaljanzi soċjali dwar is-saħħa jillimitaw l-probabbiltajiet fil-ħajja tan-nies. Diversi RSN jippreżentaw politika multi-settorali, li tinkludi kemm il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u l-mobilità ta' firxa wiesgħa ta' servizzi bħall-edukazzjoni, l-abitazzjonijiet u l-impjiegi. Il-politika prinċipali għandha l-għan li ttejjeb il-kura primarja u preventiva, li tneħħi l-limitazzjonijiet finanzjarji, organizzattivi, informattivi u oħrajn għall-aċċess u li tindirizza s-sitwazzjoni f'żoni deprivati.

Fil-fatt, il-pajjiżi kollha jaraw it-titjib tal-**kura primarja** bħala l-mod kif l-aċċess ikun imtejjeb, tkun żgurata l-koordinazzjoni tal-kura u jkun hemm kontribut għas-sostenibbiltà u l-aktar fejn ir-riżorsi huma skarsi. Madankollu, f'ħafna pajjiżi n-nuqqas ta' tobba tal-familja u infermieri għadu hemm, u ż-żieda fl-età medja tista' tagħmel dawn in-nuqqasijiet aktar gravi. Huwa diffiċli jkun previst kif l-ambizzjoni tat-titjib tal-kura primarja tista' tinkiseb mingħajr politika xierqa dwar il-kura tas-saħħa primarja li tinkludi miżuri li jiżguraw provvista adegwata ta' professjonisti tas-saħħa motivati.

Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard huma ta' prijorità f'kull pajjiż bħala mod biex titjeb is-saħħa u l-kapaċità funzjonali, biex b'hekk jitnaqqas il-bżonn għal trattamenti u titjeb is-sostenibbiltà. L-Istati Membri jirrikonoxxu li l-kampanji jistgħu jkunu aktar effettivi u jipproponu li dawn isiru aktar lokali u ffukati. Iżda madankollu l-kura tas-saħħa/it-trattamenti, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-isptarijiet, jikkunsmaw l-akbar parti tan-nefqa u ħafna pajjiżi għadhom qed jikkontribwixxu fondi ulterjuri għal dan is-settur. Il-promozzjoni u l-prevenzjoni jirċievu parti relattivament żgħira tan-nefqa meta mqabbel mal-għanijiet li dawn suppost jiskbu.

L-Istati Membri jkomplu l-isforzi tagħhom biex itejbu **l-effiċjenza u l-effikaċja**, billi jirrazzjonalizzaw l-ispejjeż u jintroduċu mekkaniżmi ta' qsim tal-ispejjeż. Diversi pajjiżi qed jieħdu t-triq tal-privatizzazzjoni. Jekk dawn ir-riformi jwasslux għall-promozzjoni tal-kwalità u tal-effiċjenza jiddependi fuq l-inċentivi u b'mod partikolari fuq in-natura tal-kuntratti mal-fondi tal-assigurazzjoni. Fuq livell nazzjonali, is-suċċess jiddependi fuq il-kapaċità istituzzjonali li timmonitorja, tirregola, tiżgura l-ugwaljanza tar-riskji u tidentifika x'jista' jagħmel aħjar is-settur privat u dak pubbliku. Il-provvista pubblika u dik privata jridu jkunu koordinati biex jinħolqu sinerġiji u tkun evitata d-dupplikazzjoni.

Ir-rapporti nazzjonali juru għarfien akbar tal-kwistjonijiet ta' **kwalità** fost l-Istati Membri u jippreżentaw inizjattivi differenti bil-għan li jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'kura ta' prevenzjoni ta' kwalità u sikura, bħall-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards ta' kwalità jew linji gwida kliniċi bbażati fuq evalwazzjoni mediċinali jew tat-teknoloġija tas-saħħa bbażata fuq l-evidenza. Madankollu, xi pajjiżi biss poġġew is-sikurezza tal-pazjent, waħda mill-kolonna tal-kwalità, bħala prijorità prinċipali, u waqqfu strutturi u sistemi xierqa għal dan il-għan. Differenzi kbar huma osservati, b'xi Stati Membri avvanzati sewwa fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' kwalità u ta' sikurezza u fil-provvista ta' approċċ iffukat fuq il-klijent, u b'oħrajn li għadhom fil-bidu tal-proċess. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu spjegati mir-riżorsi limitati allokat għall-kura tas-saħħa u n-nuqqas ta' għarfien dwar il-vantaġġi fuq medda twila ta' żmien li kwalità tajba tista' twassal għalihom. Filwaqt li numru kbir ta' pajjiżi jaraw l-għażla akbar għall-klijent bħala dimensjoni ta' approċċ iffukat fuq il-klijent, mhuwiex aċċettat li l-għażla ħielsa hija relatata ma' aktar spejjeż għall-kura.

Il-koordinazzjoni tal-kura tibqa kwistjoni. L-Istati Membri għamlu progress fuq approċċ integrat għall-amministrazzjoni ta' xi mard kroniku, iżda għad hemm ħafna xi jsir biex titjeb il-koordinazzjoni bejn il-livelli tal-gvern, bejn it-tipi ta' kura medika, bejn is-saħħa u l-kura soċjali, bejn il-provvista pubblika u privata, bejn is-settur pubbliku u dak terzjarju. Dan japplika aktar u aktar għall-kura fuq medda twila ta' żmien.

Ir-RSN jikkonfermaw l-impenn biex ikun żgurat aċċess universali għal kura fuq medda twila ta' żmien ta' kwalità għolja u bi prezz li jintlaħaq. Madankollu, għad trid tinstab taħlita sostenibbli ta' ffinanzjar f'ħafna pajjiżi, u hu għalhekk li l-proporzjon ta' sorsi privati ta' ffinanzjar huwa relattivament għoli. Dawn jistgħu jkunu koperturi privati tal-assigurazzjonijiet tas-saħħa (spiss addizzjonali jew għal gruppi bi dħul għoli) jew pagamenti privati tal-familji (ko-pagamenti għal kura pprovduta mill-istat, u/jew pagamenti individwali li għalihom l-ebda rimbors jew rimbors minimu huwa offrut).

Il-persuni dipendenti jippreferu kura fuq medda twila ta' żmien f'ambjent residenzjali jew tal-komunità aktar milli kura istituzzjonali, iżda f'ħafna pajjiżi aktar minn nofs in-nefqa pubblika għadha qed tkun iddedikata għall-kura istituzzjonali. Barra minn dan, hemm qbil wiesa' dwar il-bżonn li n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura fuq il-medda twila ta' żmien (kura formali) ikun indirizzat, kif ukoll li jkunu identifikati modi kif ikunu appoġġjati membri tal-familja jew persuni oħra li joffru kura. Ir-reklutaġġ adegwat, it-taħriġ (mill-ġdid) u ż-żamma ta' ħaddiema li jipprovdu kura fuq medda twila ta' żmien tibqa sfida.

Din l-analiżi hija żviluppata aktar fil-profilu tal-pajjiżi annessi u fid-dokumentazzjoni ta' appoġġ.